MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 984/2003

**Pater Finance Co Limited**

**vs**

**Adrian Pillow**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' sitt mija u tlieta u ghoxrin lira Maltija (Lm623) import ta' seba' kambjali, kollha ta' Lm89 il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Novembru 2002 sa Mejju 2003 rispettivament u mhux imhallsa.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas deher ghas-seduti.

Semgha x-xhieda mressqa mis-socjeta attrici u ra d-dokumenti pprezentati.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' sitt mija u tlieta u ghoxrin lira Maltija (Lm623), bl-imghax mid-data li mmaturat kull wahda mill-kambjala.

L-ispejjez kollha huma ghak-karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------